

Brussell, 7 ta' April 2015
(OR. mt)

7737/15

INST 104
POLGEN 53

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Marzu 2015
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2015) 145 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL- KUNSILL Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l- inizjattiva taċ-ċittadini

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2015) 145 final.

Mehmuż: COM(2015) 145 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.3.2015
COM(2015) 145 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-
ċittadini**

1. INTRODUZZJONI

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) hija waħda mill-innovazzjonijiet il-kbar introdotti mit-Trattat ta' Lisbona¹ u għandha l-għan li tinvolvi aktar mill-qrib liċ-ċittadini fit-tfassil tal-aġenda fuq livell Ewropew. Wieħed mill-benefiċċji ta' din l-għodda jinsab fil-ħolqien ta' rabtiet fost persuni b'fehmet simili madwar il-kontinent kollu b'mod li jiġu ffaċilitati d-dibattiti pan-Ewropej dwar kwistjonijiet li b'mod ċar iħassbu liċ-ċittadini. Diga nġabru madwar sitt miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ mill-organizzaturi tal-inizjattivi taċ-ċittadini għad-diversi kawżi tagħhom, filwaqt li 10 % tal-inizjattivi rreġistrati m'exxielhom jilhqnu l-limitu minimu ta' miljun.

L-ECI tippermetti liċ-ċittadini jingħaqdu direttament mal-istituzzjonijiet tal-UE sabiex jiddiskutu kwistjonijiet ewlenin fuq livell Ewropew. Dan bil-għan li tissaħħaħ aktar il-leġittimità demokratika tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tagħti importanza liema bħalha lill-ECI u hija impenjata bis-sħiħ li tara li dan l-istrument jaħdem, sabiex b'hekk ikun jista' jikseb il-potenzjal sħiħ tiegħu.

Ir-regoli u l-proċeduri dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini huma stipulati f'Regolament² li ġie adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fi Frar 2011 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2012. L-Istati Membri kollha implimentaw ir-Regolament³. L-Artikolu 22 tar-Regolament jipprevedi li sal-1 ta' April 2015, u kull tliet snin wara din id-data, il-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Kif deskritt f'dan ir-rapport, l-analiżi tal-Kummissjoni hija msaħħa mir-rispons kontinwu tal-partijiet ikkonċernati, fosthom l-organizzaturi tal-inizjattivi taċ-ċittadini⁴, direttament jew permezz tal-inkjesta fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman, l-istudju tal-Parlament Ewropew, għadd ta' pubblikazzjonijiet, konferenzi eċċ. Tqis ukoll tagħrif u perspettivi miġbura mill-Istati Membri⁵ permezz tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini⁶.

¹ L-Artikolu 11(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li għandu x'jaqsam maċ-Ċittadinanza tal-Unjoni

² Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65/1, 11.03.2011)

³ Id-dispożizzjonijiet adottati minn uħud mill-Istati Membri qajmu kwistjonijiet ta' konformità li ssolvew, bl-eċċezzjoni ta' żewġ Stati Membri.

⁴ Iċ-ċifri marbutin mal-għbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ huma bbażati biss fuq it-tliet inizjattivi ppreżentati, għaliex dawn huma l-uniċi ċifri uffiċjali disponibbli għall-Kummissjoni u l-Istati Membri.

⁵ Minħabba d-diverġenzi fil-prattiki tal-Istati Membri, id-dettal fit-tagħrif disponibbli jvarja. B'mod partikolari, fil-Kroazja, l-ECI ilha applikabbli biss sa mill-adeżjoni tagħha mal-UE (Lulju 2013).

⁶ Ara <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/legislative-framework?lg=mt> għal aktar tagħrif.

2. QAGĦDA ATTWALI

Il-proċess tal-ECI jinvolvi numru ta' passi. Sabiex titnieda inizjattiva taċ-ċittadini, l-organizzaturi għandhom jiffurmaw "kumitat taċ-ċittadini". Qabel ma jkunu jistgħu jibdeu jiġbru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji, l-inizjattiva proposta għandha tiġi rreġistrata mill-Kummissjoni. Ladarba r-reġistrazzjoni tkun ikkonfermata, l-organizzaturi għandhom sena żmien biex jiġbru l-appoġġ neċessarju sabiex jintlaħqu l-limiti minimi meħtieġa.

Sa minn April 2012, il-Kummissjoni rċeviet 51 talba għal regjistrazzjoni ta' inizjattivi taċ-ċittadini proposti. 31 minnhom ġew irreġistrati (16-il regjistrazzjoni fl-2012, disgħa fl-2013, ħamsa fl-2014 u waħda fl-2015). Bħalissa hemm tliet inizjattivi li qegħdin jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ⁷.

Tmintax-il inizjattiva waslu sa tmiem il-perjodu ta' ġbir tagħhom (10 oħra⁸ ġew irtirati qabel tmiem il-perjodu ta' ġbir tagħhom). Fost dawk it-18, tliet inizjattivi laħqu n-numru meħtieġ ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u ġew ippreżentati lill-Kummissjoni. Tnejn minnhom diġà rċevew tveġiba formali mill-Kummissjoni: "L-ilma u s-sanità huma dritt tal-bniedem! L-ilma huwa ġid pubbliku, mhux komodità!" ("Right2Water") ("Id-dritt għall-ilma") u "One of Us" ("Wieħed minna").

It-tielet waħda "Stop vivisection" ("Inwaqqfu l-vivisezzjoni") qiegħda tiġi miflija mill-Kummissjoni u ser tirċievi tveġiba sat-3 ta' Ġunju 2015 (ara wkoll il-punt 3.e).

Għoxrin inizjattiva proposta ma ssodisfawx il-kriterji ta' regjistrazzjoni u għaldaqstant ma' setgħux jiġu rreġistrati mill-Kummissjoni.

Irreġistrati						Mhux irreġistrati
Ġbir għadu għaddej	Irtirati mill-organizzaturi	Ġbir ingħalaq ⁹	Inizjattivi magħluqin mingħajr l-appoġġ meħtieġ ¹⁰	Ippreżentati lill-Kummissjoni – il-Kummissjoni għadha ma wegħbitx	Imwieġbin mill-Kummissjoni	Regjistrazzjoni ma ntlagħgetx
3	10	3	12	1	2	20
31						

⁷ <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/initiatives/ongoing?lg=mt>

⁸ Erbġħa minnhom irtiraw biss biex jirreġistraw mill-ġdid.

⁹ Formalment, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda informazzjoni dwar jekk l-organizzaturi mexxilhomx jew le jiġbru n-numru meħtieġ ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ.

¹⁰ Il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni uffiċjali dwar in-numru preċiż ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin għal dawn l-inizjattivi.

Sitt kumitati taċ-ċittadini ddeċidew li jressqu proċedimenti quddiem il-Qorti Ġenerali kontra deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni tal-inizjattivi proposti tagħhom¹¹. Il-kumitat organizzattiv ta' "One of us" ikkontesta l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni¹². Dawn il-kawżi kollha għadhom pendenti.

L-Ombudsman Ewropew irċieva żewġ ilmenti minn organizzaturi ta' inizjattivi. L-Ombudsman diġà għalaq wieħed mill-ilmenti¹³, fejn ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kummissjoni. It-tieni każ għadu qiegħed jiġi analizzat mill-Ombudsman¹⁴.

3. IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĊEDURA TAL-ECI

Dan li ġej jipprovdi tagħrif dwar l-implimentazzjoni tal-proċedura tal-ECI matul il-fażijiet suċċessivi taċ-ċiklu ta' haġja ta' inizjattiva.

a. Il-kumitat taċ-ċittadini

Inizjattiva taċ-ċittadini trid tiġi organizzata minn kumitat taċ-ċittadini ta' mill-anqas seba' ċittadini tal-UE li jkunu residenti f'seba' Stati Membri differenti, u li jkunu tal-età li tintitolahom jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Mal-Kummissjoni jiġu rreġistrati biss daww is-seba' membri meħtieġa sabiex ikun hemm konformità ma' din il-kundizzjoni.

¹¹ Kawżi T-754/14, T-361/14, T-44/14, T-529/13, T-450/12, T-646/13


¹² Il-Kawża T-561/14

¹³ Ilment 2013/2071


¹⁴ Ilment 2014/402

Statistika dwar il-membri ta' kumitati taç-çittadini

– Residenza u nazzjonalità tal-membri tal-kumitati għall-inizjattivi rreġistrati:



– Età tal-membri tal-kumitati għall-inizjattivi rreġistrati:



b. Il-fażi tar-reġistrazzjoni

Sabiex tiġi rreġistrata, l-inizjattiva proposta trid tkun konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament, li jirrikjedu li jkun ġie ffurmat kumitat taċ-ċittadini u li jkunu nħatru l-persuni ta' kuntatt; li l-inizjattiva proposta ma tkunx taqa' manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan ta' implimentazzjoni tat-Trattati; li l-inizjattiva ma tkunx manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja; u ma tkunx manifestament kuntrarja għall-valuri tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Kienu rreġistrati 31 inizjattiva proposta, li jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti, mill-ambjent, il-mobilità u l-edukazzjoni għall-koperazzjoni għall-iżvilupp u l-kwistjonijiet soċjali¹⁵.

Ma setgħux jiġu rreġistrati¹⁶ 20 proposta għaliex kienu manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan ta' implimentazzjoni tat-Trattati. Id-deċizzjonijiet kollha li jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-ECI.

c. Il-fażi tal-ġbir

Sabiex jiġbru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, l-organizzaturi għandhom 12-il xahar mid-data tar-reġistrazzjoni mill-Kummissjoni tal-inizjattiva proposta tagħhom.

Kull ċittadin tal-UE li għandu l-età minima sabiex jivvota fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew huwa intitolat jappoġġa inizjattiva. Skont ir-Regolament, sabiex jintlaħaq dak il-għan, il-firmatarji għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit ta' rabta ta' nazzjonalità jew residenza ma' Stat Membru partikolari u jipprovdu dejta personali, biex b'hekk ikun possibbli li dak l-Istat Membru jivverifika id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ tiegħu. Dawn ir-rekwiżiti jvarjaw minn Stat Membru għall-iehor¹⁷. Dawn id-diverġenzi jwaqqfu lil xi ċittadini tal-UE milli jappoġġaw inizjattiva taċ-ċittadini¹⁸. Din is-sitwazzjoni ħolqot kritika u frustrazzjoni fost l-organizzaturi u l-firmatarji, fejn ħafna minnhom huma tal-fehma li d-differenzi fit-trattament u l-ammont kbir ta' dejta personali meħtieġa minn xi Stati Membri, fosthom xi mdaqqiet numru ta' identifikazzjoni personali, jistgħu jnaffru bosta ċittadini milli jagħtu l-appoġġ tagħhom.

¹⁵ Il-lista sħiħa disponibbli fir-reġistru tal-ECI: <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/welcome?lg=mt>

¹⁶ <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/initiatives/non-registered?lg=mt>

¹⁷ Min-naħa l-oħra, l-proposta inizjali għal Regolament tal-Kummissjoni kienet tipprevedi rekwiżiti uniformi għall-Istati Membri kollha, li setgħu jippermettu lil kull ċittadin Ewropew, li jkun jissodisfa r-rekwiżit tal-età, li jappoġġa inizjattiva taċ-ċittadini. Madankollu, wara dak li rriżulta min-negożjati interistituzzjonali, ir-Regolament tal-ECI aħħari issa jipprevedi rekwiżiti li jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor.

¹⁸ Bħalissa dan jikkonċerna l-aktar liċ-ċittadini Irlandiżi u lil dawk tar-Renju Unit residenti fil-Bulgarija, fir-Repubblika Ċeka, fi Franza, fl-Awstrija u fil-Portugall kif ukoll lil hinn mill-UE.

Ir-rekwiżiti huma stipulati fl-Anness III tar-Regolament, li jista' jiġi mmodifikat minn att delegat tal-Kummissjoni fuq talba tal-Istati Membri kkonċernati. Il-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha sabiex thegġegħ lill-Istati Membri jissimplifikaw ir-rekwiżiti tagħhom.

Bosta Stati Membri diġà wieġbu b'mod pożittiv għall-istediniet tal-Kummissjoni għas-simplifikazzjoni. Modifika tal-Anness III, li daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Ottubru 2013, kien fiha bidliet issuġġeriti minn Spanja, Franza, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands u s-Slovenja. B'mod partikolari, in-Netherlands taw l-opportunità liċ-ċittadini Netherlandiżi li ma jgħixux fin-Netherlands li juru appoġġ permezz ta' formola Netherlandiża, u Spanja offriet il-possibilità liċ-ċittadini tal-UE li mhumiex Spanjoli residenti fi Spanja li jagħtu l-appoġġ tagħhom permezz ta' formola Spanjola, u b'hekk jitnaqqas in-numru ta' ċittadini esklużi mid-dritt tagħhom li jappoġġaw inizjattiva. It-tieni modifika, li ġiet adottata mill-Kummissjoni f'Marzu 2015 u li bħalissa qiegħda tiġi studjata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill¹⁹, tissimplifika aktar ir-rekwiżiti għal-Latvja, Malta u l-Isvezja.

Il-firmatarji jistgħu jagħtu l-appoġġ tagħhom f'format ta' karta jew dak elettroniku, permezz ta' formoli huma konformi mal-mudelli stipulati fl-Anness III tar-Regolament. Huwa wkoll possibbli li inizjattiva tiġi appoġġata permezz ta' "firma elettronika avvanzata"²⁰. Sa issa, ma ġie rrapportat l-ebda użu minn din tal-aħħar.

Madwar 55 % tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura mit-tliet inizjattivi, "Right2Water", "One of us" u "Stop Vivisection" inġabru online.

Inizjattiva	Dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura f'format ta' karta	Dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura online
<i>Right2Water</i>	Madwar 20 %	Madwar 80 %
<i>One of us</i>	Madwar 70 %	Madwar 30 %
<i>Stop vivisection</i>	Madwar 40 %	Madwar 60 %

Ladarba l-inizjattiva proposta tagħhom tiġi rreġistrata, l-organizzaturi jistgħu jagħtu wkoll lill-Kummissjoni traduzzjonijiet bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE tal-inizjattiva proposta tagħhom. Qabel il-pubblikazzjoni, il-Kummissjoni tivverifika li ma jkun hemm l-ebda inkonsistenza ċara u sinifikanti bejn it-test tradott u l-verżjoni oriġinali tat-titolu, is-suġġett u l-objettivi tal-inizjattiva proposta. Il-pubblikazzjoni tat-traduzzjoni tippermetti lill-

¹⁹ Il-Parlament u l-Kunsill għandhom id-dritt li jqajmu oġġezzjonijiet fi żmien xahrejn wara l-adozzjoni.

²⁰ Fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE.

organizzaturi li jużaw din l-istess verżjoni lingwistika għad-deskrizzjoni tal-inizjattiva proposta tagħhom inkluża fil-formuli uffiċjali ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ.

B'kollox, aktar minn 300 traduzzjoni ġew ippubblikati fir-reġistru tal-ECI. Bħala medja, l-inizjattivi proposti ġew tradotti fi 11-il lingwa. Erba' inizjattivi provdew traduzzjonijiet bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Daqs terz tat-traduzzjonijiet kellhom jiġu riveduti (darba jew bosta drabi) mill-organizzaturi qabel il-pubblikazzjoni tagħhom.

Il-ġbir online

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament, l-organizzaturi għandhom jibnu sistema ta' ġbir online u jiċcertifikawha minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru²¹ li fih ser tinħażen id-dejta miġbura, qabel ma jibdew jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ online permezz ta' din is-sistema.

Sabiex jiġu ċċertifikati, is-sistemi għandhom jaċċertaw li, fost l-oħrajn, id-dejta tal-firmatarji tinġabar u tinħażen b'mod sigur billi tkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Nru 1179/2011.

Iċ-ċertifikazzjoni tista' tintalab mill-organizzaturi qabel jew wara li jirreġistraw l-inizjattiva proposta tagħhom mal-Kummissjoni. Madankollu, id-data minn meta jibda l-perjodu ta' żmien għall-ġbir hija fkull każ dik tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva proposta mal-Kummissjoni, irrispettivament minn jekk is-sistemi tal-organizzaturi jkunux jew le diġà ġew iċċertifikati. F'ħafna mill-każijiet, l-organizzaturi ma kinux iċċertifikaw is-sistemi tagħhom qabel ir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva tagħhom mill-Kummissjoni. Minħabba f'hekk, filwaqt li setgħu jibdew jiġbru l-appoġġ permezz tal-formula bil-karta, kellhom anqas minn 12-il xahar għall-ġbir online. L-iċcertifikar tas-sistemi qabel ir-reġistrazzjoni tal-inizjattivi korrispondenti hija kwistjoni ta' tħassib għall-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għaliex ikollhom jivverifikaw l-inizjattiva mingħajr ma jkunu żguri li din ser tiġi rreġistrata.

Kif previst fir-Regolament tal-ECI, u fil-kuntest tal-Programm ISA (Soluzzjonijiet ta' Interoperabbiltà għall-Amministrazzjonijiet)²², il-Kummissjoni żviluppat Software ta' Ġbir Online b'sors miftuħ li ilu disponibbli sa mit-22 ta' Diċembru 2011 bla ħlas. Diġà inħarġu tmien verżjonijiet tas-software tal-Kummissjoni u b'mod progressiv dan ittejjeb, żdidulu elementi ġodda u nżamm aġġornat.

L-organizzaturi jistgħu jużaw is-software tal-Kummissjoni (bil-bidliet jew mingħajr) jew software ieħor tal-għażla tagħhom. Sabiex jibnu sistema kompluta, l-organizzaturi jridu jsibu servers ospitanti (li wkoll jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi) sabiex jinstallaw is-software tagħhom.

²¹ <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/authorities-online-systems?lg=mt>

²² <http://ec.europa.eu/isa/>

Ftit wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, l-ewwel organizzaturi ta' inizjattivi lmentaw dwar id-diffikultà biex isibu fornituri ospitanti adegwati u li jifilħu jħallsu għalihom biex ikunu jistgħu jibnulkom is-sistemi tagħhom. Fid-dawl ta' dan ix-xkiel li ma ħalliex lill-organizzaturi jibdedw jgħbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ online, il-Kummissjoni offriet b'mod eċċezzjonali, lil hinn mill-obbligi tagħha skont ir-Regolament, li tospita s-sistemi ta' ġbir online tal-organizzaturi fuq is-servers tagħha stess, bla hłas.

Barra minn hekk, għall-inizjattivi kollha rreġistrati sal-31 ta' Ottubru 2012, u sabiex tagħmel tajjeb għad-dewmien ikkawżat minn dawn il-kwistjonijiet loġistiċi, il-Kummissjoni ħadet id-deċiżjoni politika li b'mod eċċezzjonali taċċetta d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin sal-1 ta' Novembru 2013.

Fost il-31 inizjattiva rreġistrata, 21 inizjattiva għbru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ online. Tnejn minnhom ("Right2Water" and "30 km/h - making the streets liveable!" [30 km/sieġha – nagħmlu t-toroq abitabbli!]) użaw servers privati u s-sistemi tagħhom ġew iċċertifikati mill-awtorità kompetenti fil-Ġermanja²³. L-oħrajn kollha bbenefikaw mill-offerta tal-Kummissjoni li tospita s-sistemi kif deskritt hawn fuq u s-sistemi tagħhom ġew iċċertifikati mill-awtorità kompetenti tal-Lussemburgu²⁴.

Apparti minn hekk, l-organizzaturi kollha li għamlu l-ġbir online, użaw is-software disponibbli grazzi għall-Kummissjoni.

d. Il-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ

Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament, l-Istati Membri ħatru awtoritajiet kompetenti²⁵ għall-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ²⁶.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri kollha ntalbu jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Sitta u għoxrin Stat Membru vverifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għat-tliet inizjattivi "Right2Water", "One of us" u "Stop vivisection", filwaqt li żewġ Stati Membri vverifikaw biss id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-waħda jew tnejn minnhom.

F'termini globali, kważi 90 % tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin minn daww it-tliet inizjattivi f'daqqa ġew rikonoxxuti bħala validi mill-awtoritajiet kompetenti. Kien hemm riżultati simili kemm għad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'format ta' karta kif ukoll għal daww miġburin permezz ta' sistema ta' ġbir online.

²³ Bundesamt für Sicherheit in der Informationstechnik (BSI)

²⁴ Centre des technologies de l'information de l'Etat

²⁵ <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/authorities-verification?lg=mt>

²⁶ Kull Stat Membru jivverifika d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ippreżentati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament.

Għat-tliet inizjattivi kollha, ħafna mill-awtoritajiet ivvalidaw 'il fuq minn 80 % tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, b'awtorità waħda biss li kellha riżultati taħt 60 %.

Il-verifika bbażata fuq kampjun każwali ntużat minn 17-il Stat Membru (minnhom, erbgħa fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'format ta' karta biss u wieħed fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin online biss). Ma ġew osservati l-ebda diskrepanzi sinifikanti fir-riżultati bejn l-Istati Membri li jużaw il-verifika bbażata fuq kampjun każwali u dawk li jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha.

Sabiex tagħti daqqa t'id lill-Istati Membri fil-proċess ta' verifika tagħhom, il-Kummissjoni żviluppat għodda ta' validazzjoni skont il-Programm ISA²⁷. Għet żviluppata fuq il-bażi ta' għodda eżistenti u diġà żviluppata mill-BSI, l-awtorità kompetenti Ġermaniża. Sa issa, huma biss ftit l-Istati Membri li għamlu użu minn din l-għodda.

e. Il-preżentazzjoni u l-eżami tal-inizjattivi li jkunu laħħqu n-numru meħtieġ ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ

L-ewwel inizjattiva, "Right2Water", ippreżentata lill-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2013 talbet għal-"leġislazzjoni li timplimenta d-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità kif rikonoxxut min-Nazzjonijiet Uniti u biex tippromwovi l-forniment tal-ilma u s-sanità bħala servizzi pubbliċi essenzjali għal kulħadd".

F'konformità mar-Regolament tal-ECI, l-organizzaturi tagħha ntlaqgħu mill-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u mir-rappreżentanti tad-Direttorati Ġenerali rilevanti fis-17 ta' Frar 2014. Fl-istess jum kien hemm smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew.

Ir-risposta tal-Kummissjoni għet adottata fid-19 ta' Marzu 2014. Twieġeb b'mod pożittiv għat-talbiet fejn il-Kummissjoni għandha s-setgħat li taġixxi skont it-Trattati u fejn il-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà ġew imħarsin. Bħala segwitu għall-inizjattiva "Right2Water", il-Kummissjoni tat il-kelma tagħha dwar sensiela ta' azzjonijiet, li qegħdin jiġu implimentati progressivament²⁸.

It-tieni inizjattiva, "One of us" talbet biex *"l-UE ttemm il-finanzjament ta' attivitajiet li jinvolvu l-qerda ta' embrijuni umani, b'mod partikolari fl-oqsma tar-riċerka, tal-għajjnuna għall-iżvilupp u tas-saħħa pubblika"*.

Għet ippreżentata lill-Kummissjoni fit-28 ta' Frar 2014. L-organizzaturi tagħha ntlaqgħu fid-9 ta' April 2014 mill-Kummissarju għar-Riċerka, ix-Xjenza u l-Innovazzjoni u mir-rappreżentanti tad-Direttorati Ġenerali rilevanti. Is-smiġh pubbliku fil-Parlament sar fl-10 ta' April 2014.

²⁷ <https://joinup.ec.europa.eu/software/vteci/description>

²⁸ Għal aktar tagħrif, ara:

http://ec.europa.eu/dgs/secretariat_general/followup_actions/citizens_initiative_mt.htm

Fit-28 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha fejn tispjega li ma kinitx beħsiebha tressaq proposta legiſlattiva, għadarba il-qafas ġuridiku attwali tal-UE, li kien ġie adottat f'it taż-żmien qabel mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, ġie meqjus bħala adegwat.

It-tielet inizjattiva, "Stop vivisection", titlob lill-Kummissjoni sabiex "tħassar id-Direttiva 2010/63/UE dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi u biex tippreżenta proposta ġdida li tħalli barra l-użu tal-esperimenti fuq l-annimali u minflok tagħmel obbligatorju l-użu — fir-riċerka bijomedika u tossikoloġika — ta' dejta li tolqot direttament lill-ispeċi umana."

Ġiet ippreżentata fit-3 ta' Marzu 2015 u qiegħda tistenna risposta mill-Kummissjoni sat-3 ta' Ġunju 2015.

In-numru u l-firxa ta' distribuzzjoni tal-firmatarji

"Right2Water"

BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT
40549	1406	7575	0*	1236455	516	2513	33220	58051	0*	0	65223	2924	393	13252
LU	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	It-total	
5566	18245	1635	21469	57643	3962	13964	3176	17546	20988	14589	11579	7104	1659543	

* Iċ-ċertifikati waslu wara ż-żmien għall-preżentazzjoni. DK 3495 FR: 17247

Bl-aħdar: il-pajjiżi fejn intlaħaq il-limitu minimu (13)

"One of us":

BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT
5478	906	11468	7563	137874	2417	6679	52977	144827	83503	12778	623947	6407	9132	11646
LU	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	It-total	
5469	45933	23017	27271	24973	235964	65564	110405	3481	31951	1230	2468	26298	1721626	

Bl-aħdar: il-pajjiżi fejn intlaħaq il-limitu minimu (18)

"Stop vivisection":

BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT
0	12598	4075	4610	164304	2502	3333	1952	47194	61818	0	690325	533	3167	4737
LU	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	It-total	
1291	26948	1662	9909	9208	38824	11305	1645	19507	12055	12495	7661	19472	1173130	

Bl-aħdar: il-pajjiżi fejn intlaħaq il-limitu minimu (9)

Il-firxa ta' distribuzzjoni tal-firmatarji turi li l-organizzaturi ppreferew jikkonċentraw fuq xi Stati Membri (speċjalment il-Ġermanja fil-każ ta' "Right2Water" u l-Italja f'dak ta' "One of Us" u "Stop Vivisection") sabiex jilhq t-tir ta' miljun firma, filwaqt li jaċċertaw li fl-istess ħin jintlaħaq il-limitu minimu f'seba' Stati Membri. L-esperjenza s'issa tindika li, għall-organizzaturi ta' inizjattivi taċ-ċittadini hija sfida partikolari li jagħmlu kampanji bl-istess intensità fl-Istati Membri kollha tal-UE.

Il-preżentazzjoni lill-Kummissjoni

Fir-Regolament ma hemmx previst limitu ta' żmien biex l-organizzaturi jippreżentaw l-inizjattiva tagħhom lill-Kummissjoni ladarba id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ tagħhom ikunu ġew ivverifikati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Minħabba f'hekk, fil-każ ta' inizjattiva waħda għaddiet aktar minn sena bejn tmiem il-perjodu ta' għbir u l-preżentazzjoni tagħha.

Is-seduti ta' smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew

Sabiex jimplimenta l-Artikolu 11 tar-Regolament u jagħti lok għall-arranġamenti proċedurali meħtieġa, il-Parlament Ewropew emenda r-regoli ta' proċedura tiegħu fl-2012²⁹.

Għaldaqstant, il-Parlament Ewropew organizza żewġ seduti ta' smiġh, imsemmijin hawn fuq³⁰. F'dawn l-okkażjonijiet, il-Kummissjoni kienet irrappreżentata mill-Viċi President għar-

²⁹ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+RULES-EP+20140701+RULE-211+DOC+XML+V0//MT&navigationBar=YES>

³⁰ <http://www.europarl.europa.eu/news/en/news-room/content/20140210IPR35552/html/The-'Right2Water'-campaign-EP-hearing-on-first-European-Citizens'-Initiative> u <http://www.europarl.europa.eu/news/en/news-room/content/20140407IPR42621/html/European-Parliament-hearing-on-%E2%80%9COne-of-Us%E2%80%9D-European-Citizens%E2%80%99-Initiative>

Relazzjonijiet Interistituzzjonali (għal "Right2Water") u mill-Kummissarju għar-Riċerka, ix-Xjenza u l-Innovazzjoni u mill-Kummissarju għall-Iżvilupp (għal "One of Us").

f. It-trasparenza: l-iffinanzjar

F'konformità mar-Regolament, l-organizzaturi jridu jipprovdu tagħrif dwar is-sorsi kollha li jaqbu l-EUR 500 kull sena u għal kull sponsor. It-tagħrif kollu mogħti mill-organizzaturi jinstab fir-Reġistru tal-ECI.


	L-ebda sors ta' finanzjament	L-ammont totali ta' finanzjamenti u ta' appoġġ finanzjarju taħt l-EUR 10 000	L-ammont totali ta' finanzjamenti u ta' appoġġ finanzjarju 'l fuq minn EUR 10 000
Numru ta' inizjattivi	14	9	8

It-tliet inizjattivi li mnexxew huma fost it-tmien inizjattivi li ddikjaraw aktar minn EUR 10 000 f'finanzjamenti u f'appoġġ finanzjarju ("Right2Water": EUR 140 000 – "One of Us": EUR 159 219 – "Stop Vivisection": EUR 23 651).

g. Il-punt ta' kuntatt

F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament, il-Kummissjoni stabbiliet punt ta' kuntatt li jagħti informazzjoni u assistenza, ibbażat fiċ-Ċentru ta' Kuntatt Europe Direct. Dan iwieġeb għal kull mistoqsija li jista' jkollhom iċ-ċittadini dwar regoli u proċeduri tal-ECI, fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Sa minn April 2012, il-punt ta' kuntatt wieġeb għal aktar minn 1080 mistoqsija.

Ir-rikjesti skont it-tip ta' mistoqsijiet



Permezz ta' dan il-punt ta' kuntatt, il-Kummissjoni informalment twieġeb mistoqsijiet minn organizzaturi potenzjali dwar il-kwistjoni ta' jekk tistax tiġi rreġistrata inizjattiva taċ-ċittadini possibbli, qabel ma' t-talba għal rreġistrazzjoni tkun ippreżentata formalment mill-organizzaturi lill-Kummissjoni. Sa minn April 2012, il-Kummissjoni wieġbet madwar 15-il mistoqsija ta' din ix-xorta. Dawn it-tweġibiet ingħataw bla preġudizzju għal kull risposta formali mill-Kummissjoni li ssegwi talba għal rreġistrazzjoni possibbli ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

Apparti s-servizz provdut miċ-Ċentru ta' Kuntatt Europe Direct, ingħata appoġġ direttament mis-servizzi tal-Kummissjoni lill-organizzaturi ta' inizjattivi. Hekk kif jirreġistraw l-inizjattivi proposti tagħhom, jistgħu jikkuntattjaw direttament lis-servizzi tal-Kummissjoni permezz tal-kont tal-organizzatur tagħhom fuq is-sit web tal-Kummissjoni (aktar minn 85 rikjesta ġew imwieġba minn April 2012) jew bil-posta elettronika (madwar 125 rikjesta). Permezz tal-posta elettronika u l-pjattaforma Joinup ġie provdut ukoll appoġġ tekniku dwar is-software ta' ġbir online tal-Kummissjoni u l-ospitar tas-sistemi ta' ġbir online (kważi 300 rikjesta)³¹. Ingħata wkoll appoġġ permezz ta' laqgħat, telefonati u vidjokonferenzi apposta meta feġġ il-bżonn.

³¹ <https://joinup.ec.europa.eu/software/ocs/home>

4. VALUTAZZJONI TAL-IMPLIMENTAZZJONI

Il-Kummissjoni hi tal-fehma li l-ECI ġiet implimentata bis-sħiħ.

Il-fatt li żewġ inizjattivi rnexxielhom itemmu ċ-ċiklu ta' ħajja sħiħ ta' ECI, mir-reġistrazzjoni għall-ġbir b'suċċess tal-appoġġ meħtieġ, sar-risposta formali tal-Kummissjoni, li t-tielet waħda bħalissa qiegħda tistenna wkoll din ir-risposta formali u li s-segwitu għall-inizjattiva "Right2Water" bħalissa jinsab għaddej, jikkonferma li qegħdin jiġu implimentati l-proċeduri u l-mekkaniżmi neċessarji sabiex ikun żgurat li l-ECI tkun operattiva.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni hija konxja mill-fatt li għad hemm lok għal titjib. Matul dawn l-aħħar tliet snin, il-partijiet ikkonċernati identifikaw bosta sfidi frabta ma' dan il-qafas istituzzjonali u leġislattiv ġdid, li jvarjaw minn aspetti pjuttost tekniċi jew loġistiċi għal kwistjonijiet ta' xejra aktar politika. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tixxet aktar dawl fuq dawn li ġejjin³²:

- In-nuqqas ta' personalità ġuridika tal-kumitati taċ-ċittadini: bosta kumitati rrappurtaw tħassib dwar l-obbligazzjonijiet u l-ostakli, pereż. li jiġbru l-fondi u l-ġestjoni tal-protezzjoni tad-dejta, l-aktar fid-dawl tal-fatt li jkunu residenti f'tal-anqas seba' pajjiżi differenti.
- Ir-reġistrazzjoni: tibqa' sfida ewlenija għall-organizzaturi minħabba li bosta inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej huma manifestament barra mill-ambitu tal-kompetenzi tal-Kummissjoni.
- Ir-rekwiżiti għall-firmatarji: id-diverġenzi bejn il-kundizzjonijiet u d-dejta personali rikjesti mill-firmatarji mill-Istati Membri differenti jibqgħu kwistjoni ta' tħassib, speċjalment fil-każijiet fejn minħabba f'dan iċ-ċittadini jiġu esklużi mid-dritt tagħhom li jappoġġjaw inizjattiva. Il-Kummissjoni tilqa' l-approċċ kostruttiv ta' dawk l-Istati Membri li sa issa wieġbu b'mod pożittiv għall-istediniet tal-Kummissjoni sabiex ir-rekwiżiti (ta' dejta) tagħhom ikunu uniformi u jiġu ssimplifikati, madankollu hemm bżonn ta' aktar sforzi sabiex l-ġhodda tal-ECI tkun aktar aċċessibbli.
- L-iskeda ta' żmien taċ-ċiklu ta' ħajja tal-ECI: l-organizzaturi indikaw li ż-żmien meħtieġ sabiex jibnu s-sistemi ta' ġbir online tagħhom ifisser li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ikollhom anqas minn 12-il xahar għall-ġbir u dan għandu jiġi aġġustat. In-nuqqas ta' limitu ta' żmien speċifiku għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni ta' inizjattiva li tirnexxi huwa wkoll sors potenzjali ta' konfużjoni u inċertezza, sew għall-istituzzjonijiet u sew għall-pubbliku.

³² Il-kwistjonijiet huma elenkati skont l-ordni segwita f'Kapitolu 2, li tixhed il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' ħajja ta' ECI.

- Il-proċess tal-ivverifikar tat-traduzzjonijiet tal-inizjattivi proposti pprovduti mill-organizzaturi tagħhom stess instab li kien ikkumplikat. L-organizzaturi sabuha diffiċli li jaċċertaw il-preċiżjoni meħtieġa tat-traduzzjonijiet tagħhom, anke fuq il-bażi tal-kummenti li waslulhom mingħand il-Kummissjoni dwar l-ewwel verżjoni(jiet) tagħhom.
- Dwar il-ġbir online, l-offerta tal-Kummissjoni li tospita s-sistemi rnexxielha tegħleb l-akbar xkiel. Mandankollu, il-partijiet ikkonċernati għadhom kritiċi fil-konfront tal-komplessità tal-proċedura attwali ta' ċertifikazzjoni u mhumiex sodisfatti għal kollox bl-elementi offruti mis-software tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, is-servizz ta' ospitar tas-sistemi mill-Kummissjoni ġie offrut bħala servizz temporanju u fuq bażi eċċezjonali, minħabba li ma kienx previst fir-Regolament. L-awtoritajiet kompetenti ta' bosta Stati Membri mhumiex komdi bil-possibiltà li l-organizzaturi jitolbu ċ-ċertifikazzjoni tas-sistema tagħhom qabel ma l-inizjattiva proposta tagħhom tkun irreġistrata mal-Kummissjoni. Żewġ sistemi ġew iċċertifikati iżda qatt ma ntużaw minħabba li l-inizjattivi korrispondenti ma setgħux jiġu rreġistrati mill-Kummissjoni.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni dan l-aħħar ikkummissjonat studju dwar l-impatti tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) fuq l-ECI³³, li ser jikkontribwixxi għar-riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-proċess ta' ġbir online.

- Matul iż-żewġ seduti ta' smiġh pubbliku organizzati mill-Parlament Ewropew, ħadd minn fost il-partijiet ikkonċernati jew l-esperti, għajr għall-organizzaturi tal-ECI ma ġie mistieden li jieħu sehem b'mod attiv.

Għandhom isiru tentattivi sabiex is-smiġh pubbliku jkun organizzat b'tali mod li jkun aċċertat li l-partijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw fehmiet u perspettivi differenti jsemmgħu leħinhom. Dan hu aktar u aktar importanti minħabba li l-perjodu ta' tliet xhur previst mir-Regolament tal-ECI għat-tnejn tar-risposta tal-Kummissjoni għal inizjattiva li tirnexxi huwa qasir ferm u ftit iħalli ħin għall-organizzazzjoni ta' konsultazzjoni formali mal-partijiet ikkonċernati.

- Xi organizzaturi tal-ECI (u partijiet ikkonċernati oħrajn) huma tal-fehma li ma hemmx biżżejjed dialogu u interazzjoni mal-Kummissjoni matul il-fażijiet differenti ta' ċiklu ta' ħajja tal-ECI u b'mod partikolari wara l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inizjattiva ta' ċittadini. Jixtiequ li l-proċessi ta' eżami u dak ta' segwitu jkunu aktar strutturati u li jkunu involuti fihom b'mod aktar estensiv.

³³ L-istudju hu appoġġat mill-Programm ISA.

5. KONKLUŻJONIJIET

Għadu kmieni wisq sabiex ikunu vvalutati l-impatti fit-tul tal-ECI fuq il-proċess istituzzjonali u leġiżlattiv tal-UE. Il-Kummissjoni hija impenjata li tkompli bil-monitoraġġ u bid-diskussjoni ta' sensiela ta' kwistjonijiet li jolqtu l-ECI, u prinċipalment dawk identifikati hawn fuq, f'kooperazzjoni u koordinazzjoni sfiqa bejn il-bosta partijiet ikkonċernati u bil-għan li jittejjeb l-istrument.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ħadet nota b'interess tal-istudju mwettaq mill-Parlament Ewropew³⁴, tal-konklużjonijiet tal-inkjesta fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman Ewropew³⁵ u tal-eżitu tal-"Jiem dwar l-ECI" organizzati kull sena mill-2012 'il hawn mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u wħud mis-sħab tas-soċjetà civili³⁶.

Filwaqt li l-eżitu tal-istudju tal-Kummissjoni li għaddej bħalissa dwar il-kwistjoni tal-ġbir online ser iservi ta' gwida aktar preċiża għall-pożizzjoni tal-Kummissjoni, hi ser tkompli ttipprovdi, bla ħlas, is-servizz ta' ospitar tas-sistemi lill-organizzaturi, sakemm ikun hemm bżonn.

Dawn il-proċessi differenti ikkontribwew u ser jibqgħu jikkontribwixxu għar-riflessjonijiet attwali tal-istituzzjonijiet dwar l-ECI. Il-Kummissjoni qiegħda tistenna b'ħerqa li tkun involuta f'aktar diskussjonijiet fil-fond mal-leġiżlatur u li tirċievi r-rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew, li ser jikkunsidra d-diskussjonijiet fis-Smigħ pubbliku dwar l-ECI organizzat b'mod konġunt mill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi Frar 2015.

³⁴ "ECI – l-Ewwel Tagħlimiet mill-Implimentazzjoni", ara:

[http://www.europarl.europa.eu/thinktank/en/document.html?reference=IPOL_STU\(2014\)509982](http://www.europarl.europa.eu/thinktank/en/document.html?reference=IPOL_STU(2014)509982)

³⁵ OI/9/2013/TN

³⁶ <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.events-and-activities-eci-day-2014>